MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Numru. 609/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**MELVIN XUEREB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Melvin Xuereb ta' 18-il sena iben Julian u Monica xebba Zahra, imwieled il-Pieta' nhar l-10 ta' Ottubru, 1993 u residenti gewwa 243, Triq id-Duluri, Pieta’ u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 471693(M).

Gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju 2012 ghall-habta ta’ bejn it-03:00am u l-04:00am gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Svetlana Frendo f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra Svetlana Frendo, sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmillha hsara.

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Svetlana Frendo u lill Shawn Bonaci bi kliem jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Svetlana Frendo u Shawn Bonaci u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 20 ta' Marzu, 2013 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 218(1)(a), 339(1)(d), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Melvin Xuereb, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Melvin Xuereb ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda sseh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Melvin Xuereb jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Melvin Xuereb b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) li jzomm il-kwiet ma' Svetlana Frendo u Shawn Bonaci u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Melvin Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------